**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Distrett Ħal Qormi**

**Pulizija**

**vs**

**Josef Christian Masini Vento**

**Illum, 11 ta' Settembru, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Josef Christian Masini Vento ta' 39 sena, detentur tal-karta tal-identità numru 15280G, li ġie akkużat:

> *Talli fid-9 ta' Mejju, 2020, għall-ħabta ta' 20.50hrs, ġewwa l-Għassa tal-Pulizija Ħal Qormi, ġewwa Triq il-Kbira, Qormi, inġurja jew hedded lil PS 1585 James Weatherhill, persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu, jew li jinfluwixxu fuqu kontra il-liġi, waqt l-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz.*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni finali;
Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ġie akkużat ai termini tal-Artikolu 95 u l-Artikolu 339(1) ( e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 95 ġie studjat minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tas-27 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Kevin J. Farrugia) vs Renald Briffa,** fejn intqal:

> *"Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.*
>
> *Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*
>
> *Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita.*
>
> *L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:*

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dig nita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

*Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika. Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku."*

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fis-sentenza, **<u>The Police Vs Elena Anatolievna Camilleri,</u>** deċiża fit-30 ta' Mejju, 2019, spjegat li:

*For this crime to subsist it is imperative that the prosecution proves that the accused/ appellant "reviled, or threatened, or cause a bodily harm to the police officers charged with a public duty, while in the act of discharging their duty or because of them having discharged such duty, or with intent to intimidate or unduly influence them in the discharge of such duty,"*

*It appears that the appellant was angry and told the police to 'fuck off " and that they have the pistols and the authority to get her daughter back. But at no point in time did she threaten them or cause bodily harm. If one were to see the definition of the word 'revile' this means reprehend, reprobate. attack, blame, blast, criticize. Thus the words uttered by the appellant were not such as to amount to vilification of a public officer whilst discharging his duty.*

Minn eżami tal-provi prodotti, jirriżulta li l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti, peress li b'referenza għas-Surġent PS 1585 James Weatherhill, dan lissen kliem, fis-sens li mid-dehra dan is-Surġent iddejjaq jaħdem hawn f'din l-Għassa. Din il-verżjoni ġiet mogħtija minn varji Uffiċjali tal-Pulizija, li lkoll

ippreżentaw l-affidavit tagħhom f'dan is-sens. L-imputat għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri, bħal ma kellu kull dritt jagħmel.

Meta il-Qorti tqis il-provi prodotti, ma tasalx għal dak il-konvinċiment legali, li jwassalha li ssib ħtija fl-imputat. L-osservazzjoni magħmula mill-imputat intqalet, meta dan kien ħareġ mill-bieb tal-Għassa tal-Pulizija, u għalhekk dan il-kliem lanqas intqal direttament f'wiċċ PS 1585, James Weatherhill. In oltre, dan il-kliem jindika opinjoni li kellu l-imputat, fis-sens li skontu, jidher li s-Surġent kien iddejjaq jaħdem fl-Għassa ta' Ħal Qormi. Fl-ebda ħin ma tlissen xi diskors ta' thedid, fis-sens li l-imputat kien ħa jagħmel minn kollox biex is-Surġent ma jibqax jaħdem f'dik l-Għassa, jew biex dak is-Surġent, b'xi mod, jitlef xogħlu.

Din il-Qorti mhijiex Qorti ta' konġetturi u/jew assunzjonijiet, iżda hija Qorti tal-provi. Ġjaladarba ma tressqux provi li saru theddid jew inġurji fir-rigward tal-Uffiċjal tal-Pulizija involut, din il-Qorti ma għandhiex triq oħra, għajr li tillibera lill-imputat minn kull kundanna u ħtija.

**Decide**

**Għaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 95(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lill-imputat minn kull kundanna u ħtija.**

______________________________

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

______________________________

**Janet Calleja - Deputat Reġistratur**